MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru: 44/2018 LM

**Mark Muscat (K.I. 409077M), u Claude Cremona Gabriele (K.I. 25678M)**
**għall-Independent Bankers Union (RTU No. 308)**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-ilmentaturi **Mark Muscat** (K.I. 409077M), u **Claude Cremona Gabriele** (K.I. 25678M) **għall-Independent Bankers Union** (RTU No. 308), (minn issa 'l quddiem "l-appellanti nomine" jew

l-"IBU") minn deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji fis-16 ta' April 2018 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda illi:

> *"... m'għandux il-ġurisdizzjoni li jisma' dan l-ilment kif intavolat u ma jistax jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.*
>
> *Dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li membri tal-Independent Bankers Union, bħala klijenti tal-Bank, jistgħu jressqu quddiem l-Arbitru bħal kull klijent ieħor ta' provditur tas-servizzi finanzjarji.*
>
> *Kull parti għandha ġġorr l-ispejjeż tagħha."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni odjerna bdiet meta fil-15 ta' Diċembru, 2017 l-ilmentaturi bħala Independent Bankers Union resqu ilment quddiem l-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji wara li numru ta' msieħba tagħhom ħassewhom diskriminati mill-intimat **HSBC Bank Malta plc** (C 3177), hawnhekk "l-appellat", fir-rigward ta' drittijiet li huma ppretendew li għandhom wara li akkwistaw strumenti finanzjarji kumplessi mingħand l-appellat. L-imsemmija msieħba kienu impjegati tal-bank intimat. L-ilmentaturi ppremettew li l-Independent Bankers Union hija uffiċjalment reġistrata mad-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER), u għalhekk bħala IBU huma għandhom is-setgħa jirrappreżentaw u jassistu lill-membri tal-*union* fi kwalunkwe proċedura interna fil-post tax-xogħol tagħhom, kif ukoll fi proċeduri amministrattivi jew

ġudizzjarji esterni għall-post tax-xogħol tagħhom, iżda li huma relatati mal-impjieg tagħhom, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn dawn mhumiex jingħataw trattament ugwali. F'dan il-każ l-imsieħba tal-IBU kienu akkwistaw strumenti finanzjarji kumplessi mingħand il-bank intimat, u l-ilment tagħhom tressaq wara li dawn allegaw li ma ngħatawx l-istess trattament bħal investituri oħra, għaliex huma kienu impjegati tal-istess bank intimat.

**Mertu**

3. L-ilmentaturi ressqu l-ilment tagħhom f'isem għadd ta' impjegati tal-bank intimat wara li dawn kienu investew fi strumenti finanzjarji kumplessi bħala klijenti tal-bank intimat, u sfaw milquta mill-eżerċizzju ta' rimedjazzjoni li sar mill-HSBC fil-falliment operattiv u regolatorju f'negozju marbut mal-*brokerage* ta' dawn l-istrumenti. Skont l-ilmentaturi, il-bank intimat ammetta li kien hemm ksur tal-liġijiet regolatorji u Ewropej li joffru protezzjoni lil investituri kategorizzati bħala '*retail investors*', u l-istess bank wettaq diskriminazzjoni ma' grupp ta' membri tal-*union* li minkejja li huma wkoll, bħal persuni oħra, sofrew telf finanzjarju minħabba fin-nuqqasijiet tal-bank, dawn ma ġewx offruti l-istess tip ta' kumpens bħal ħaddieħor, u dan wara li l-bank eċċepixxa li dawn il-membri ma kienx ħaqqhom l-istess protezzjoni bħal persuni oħra minħabba fil-pożizzjoni li kellhom mal-bank. L-ilmentaturi qalu li minkejja li l-bank intimat ippretenda li l-persuni li kienu qegħdin jirrappreżentaw huma messhom fehmu r-riskji assoċjati ma' dawn l-istrumenti

finanzjarji kumplessi, dawn l-impjegati qatt ma ngħataw taħriġ speċjalizzat fl-istrumenti finanzjarji inkwistjoni, u minflok ma ġew ittrattati bħal *retail investors* oħra, ġew ittrattati bħallikieku kienu *professional investors.* L-ilmentaturi sostnew li skont il-liġijiet Ewropej, istituzzjoni finanzjarja bħall-bank intimat tista' tittratta klijent bħala '*professional investor*' biss meta l-klijent innifsu jitlob lill-bank bil-miktub biex jiġi ttrattat bħala investitur professjonali, u l-persuni li qegħdin jiġu rappreżentati minnhom ma kellhomx jiġu offruti kumpens li huwa inferjuri għal dak li ġie offrut ħaddieħor, u li huwa inferjuri għal dak li huma intitolati għalih. L-ilmentaturi qalu wkoll li l-bank intimat wera nuqqas ta' dispożizzjoni li jiddiskuti mal-*union* u għamel sensiela ta' allegazzjonijiet li ma kinux veritieri, liema allegazzjonijiet jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-Arbitru. L-Independent Bankers Union qalet li hija għandha interess ġuridiku u d-dritt li tintavola dawn l-ilmenti għan-nom u in rappreżentanza tal-membri tagħha, u l-bank intimat kellu l-obbligu li jittratta r-*retail customers* tiegħu kollha bl-istess mod. Għal dawn ir-raġunijiet l-ilmentaturi talbu lill-Arbitru jordna reviżjoni, korrezzjoni, mitigazzjoni u tibdil fl-imġiba li dwarha qegħdin isiru dawn l-ilmenti, kif ukoll jordna lill-bank intimat ibiddel il-prattiki li għandhom x'jaqsmu ma' din l-imġiba, filwaqt li jordna ħlas ta' kumpens għat-telf ta' dħul u danni oħra li setgħu sofrew l-imsieħba tal-*union* bħala investituri. Mill-iskambju ta' korrispondenza intavolata quddiem l-Arbitru bħala parti mill-provi, jirriżulta li l-bank intimat kien qiegħed jittratta lill-imsieħba tal-Independent Bankers Union bħala

'klijenti', u sostna li l-ilmenti ta' dawn l-investituri kellhom jiġu ttrattati fuq bażi individwali u mhux permezz tar-rappreżentanza tal-*union.*

4. Fir-risposta tiegħu, il-bank intimat eċċepixxa preliminarjament li l-Arbitru m'għandux kompetenza sabiex jisma' u jiddeċiedi l-vertenza odjerna billi l-ilment huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-bank intimat aġixxa b'mod diskriminatorju mal-impjegati tiegħu, u l-fakoltà tal-ilmentatur taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95 li jidher f'isem jew in sostenn ta' min jilmenta dwar diskriminazzjoni, tapplika biss f'kuntest lavorattiv quddiem it-tribunal kompetenti, u mhux f'kuntest ta' investiment li jsir minn ħaddiema ta' bank. Mill-atti jirriżulta li t-talba tal-ilmentaturi għal medjazzjoni dwar din il-kwistjoni ġiet rifjutata mill-bank intimat. Id-deċiżjoni tal-Arbitru li minnha qiegħed jiġi intavolat dan l-appell, hija limitata għall-kwistjoni dwar il-kompetenza tiegħu fil-kuntest ta' dan l-ilment partikolari li qiegħed isir mill-ilmentaturi. Eċċezzjonijiet preliminari oħra li tqajmu mill-bank intimat huma minħabba li l-ilment li sar lill-Arbitru ma kienx preċedut minn komunikazzjoni lill-bank sabiex dan ikun jista' jittratta s-sottomissjonijiet tal-ilmentaturi kif rikjest mil-liġi, kif ukoll li l-Independent Bankers Union ma tikkwalifikax bħala 'klijent eliġibbli' skont l-Att, u li l-persuni li l-interessi tagħhom qiegħda tiddefendi l-*union* ma jistgħux jibqgħu anonimi, kif ukoll li l-bank intimat ma setax iressaq difiża xierqa minħabba li huwa baqa' ma ġiex mgħarraf min huma l-klijenti eliġibbli li allegatament sofrew xi dannu minħabba l-aġir tal-bank, u għalhekk il-bank ġie

ppreġudikat u sab ruħu fl-impossibilità li jirrespinġi fir-risposta tiegħu allegazzjonijiet li mhux infurmat tajjeb dwarhom.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-16 t'April, 2018, l-Arbitru kkonkluda li huwa m'għandux kompetenza sabiex jisma' dan l-ilment kif intavolat mill-ilmentaturi, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Din id-deċiżjoni hi limitata għall-eċċezzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni tal-Arbitru mogħtija mill-provditur tas-servizz.*

*Dawn l-eċċezzjonijiet sostanzjalment jgħidu li l-Arbitru m'għandux il-ġurisdizzjoni jisma' dan il-każ għaliex:*

1. *Id-diskriminazzjoni invokata mill-ilmentatur innifsu hija a bażi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95, li tapplika biss f'kuntest lavorattiv quddiem it-tribunal kompetenti u mhux quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji;*
2. *Illi l-ilment ma jistax jitressaq quddiem l-Arbitru għaliex,* ai termini *tal-Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555, l-ilmentaturi kellhom jikkomunikaw mal-Bank biex dan ikun f'pożizzjoni jittratta s-sottomissjonijiet tal-ilmentaturi;*
3. *L-Independent Bankers Union ma tikkwalifikax bħala 'klijent eliġibbli' skont il-Kap. 555 u magħmul f'isem nies anonimi;*
4. *L-Independent Bankers Union qatt ma kienet klijent tal-Bank u, għalhekk, ma tistax iġġib ilment quddiem l-Arbitru.*

*L-Arbitru sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2018.*

*Qabel xejn irid jingħad li l-Arbitru m'għandu l-ebda dubju li skont il-liġijiet industrijali ta' pajjiżna Trade Union, bħal ma hija l-*Independent Bankers Union, *għandha funzjoni importanti f'soċjetà demokratika fejn matul is-snin ġie rikonoxxut il-fatt li l-ħaddiem għandu jkollu l-għaqdiet tiegħu li jiddefendu l-interessi tiegħu. Huwa*

*minnu wkoll li fi kwistjonijiet industrijali,* union *tal-ħaddiema għandha s-setgħa li tirrappreżenta lill-membri tagħha.*

*Fl-ilment tagħhom l-ilmentaturi jikkwotaw Artikolu 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95.*

*Din il-leġislazzjoni hija msejħa* ***Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi*** *li huma intenzjonati li jipproteġu lill-ħaddiema kontra forom ta' diskriminazzjoni fl-impjiegi.*

*L-Artikolu 11 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jgħid hekk:*

*"Xejn m'għandu jżomm lil xi assoċjazzjoni, organizzazzjoni jew entità legali oħra, li jkollha interess leġittimu* ***li tiżgura li jitħarsu dawn ir-regolamenti****, milli tidħol hi nnifisha jew f'isem jew b'sostenn ta' min jagħmel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, f'xi proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva li jkun hemm provdut dwarha* ***għall-infurzar tal-obbligi taħt dawn ir-regolamenti."***[1]

*Jidher ċar li dan l-Artikolu huwa intenzjonat li jagħti rappreżentanza xierqa lill-impjegati li jkollhom min jiddefendihom biex jitħarsu dawn ir-regolamenti kontra diskriminazzjoni fl-impjiegi. Dawn l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew xi entità legali oħra, jistgħu jidħru 'f'xi proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva' imma limitatament "****għall-infurzar tal-obbligi taħt dawn ir-regolamenti."***

*Għalhekk, dan l-Artikolu taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95, ma japplikax għall-proċeduri quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.*

*Il-kompetenza ġurisdizzjonali tal-Arbitru hija limitata skont il-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-ħsieb tal-leġislatur kien prinċipalment: "Sabiex jitwaqqaf l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji bis-setgħa li jimmedja, jinvestiga, u jiddeċiedi fuq ilmenti li jkunu tressqu* ***minn xi klijent*** *kontra provditur tas-servizzi finanzjarji ..."*

*Imbagħad, l-istess Att jistabbilixxi min hu 'klijent' li '****tfisser persuna fiżika, inkluż is-suċċessuri tagħha fit-titolu, jew mikrointrapriża.'***

*Imbagħad, il-liġi tgħid min hu 'klijent eliġibbli':*

*"klijent eliġibbli"* ***tfisser klijent li jkun konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji, jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, jew li talab il-provvediment ta' xi servizz finanzjarju minn***

---

[1] *Bold,* tal-Arbitru.

***provditur tas-servizzi finanzjarji. Tinkludi wkoll is-suċċessur legali fit-titolu għall-prodott finanzjarju li jkun soġġett għall-ilment rilevanti."***[2]

*Fl-Artikolu 19(1) insibu hekk:*

*"19. (1) Għandha tkun il-funzjoni primarja tal-Arbitru li jittratta ilmenti mressqa minn **klijenti eliġibbli ...**"*

*Għalhekk l-Arbitru għandu ġurisdizzjoni jisma' biss ilmenti minn:*

*'Klijenti' li jridu jkunu 'klijenti eliġibbli' skont l-istess għadd. 'Klijenti eliġibbli' huma biss konsumaturi ta' provditur tas-servizzi finanzjarji. Barra minn hekk, 'klijent' irid ikun persuna fiżika jew mikrointrapriża.*

*F'dan il-każ, l-Independent Bankers Union mhijiex persuna fiżika u ma nġabet l-ebda prova li hija mikrointrapriża u li hija klijent tal-Bank. Lanqas ma nġabet prova li hija l-konsumatur tal-provditur tas-servizz.*

*Għalhekk, fil-konfront tal-Independent Bankers Union, l-Arbitru m'għandux ġurisdizzjoni. Il-ġurisdizzjoni ta' Qorti jew entità ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja oħra ma tistax titwessa' minn dik l-entità u tmur oltre dak li tgħid il-liġi.*

*L-intenzjoni tal-leġislatur kienet li ilmentatur ikun persuna fiżika jew mikrointrapriża li tidentifika ruħha billi l-ewwel tagħmel l-ilment tagħha mal-provditur tas-servizz skont l-Artikolu 21(2) tal-Kap. 555 u, jekk ma tasalx, tressaq l-ilment tagħha quddiem l-Arbitru.*

*Għandu raġun il-provditur tas-servizz jgħid li ma jistax iwieġeb għal ilment minn persuni injoti. L-Independent Bankers Union ma tgħidx min huma l-klijenti tal-provditur tas-servizz u, għalhekk, ma jistax iwieġeb għal ilmenti minn nies li ma jafx min huma u eżattament kull wieħed x'ilment għandu.*

*Li kieku l-Arbitru kellu jiddeċiedi li għandu kompetenza ġurisdizzjonali, xorta waħda jkun irid jaf min qed jagħmel l-ilment u eżattament kull ilmentatur x'qed jippretendi, u dan joħroġ mil-liġi kemm billi jrid jgħid x'inhu l-ilment u r-raġuni li fuqha jkun qed jibbaża l-ilment u jrid iressaq il-provi li normalment tinkludi x-xhieda tiegħu u, xorta jrid juri l-identità tiegħu.*

[2] Kap. 555, Art. 2.

> ***Għal dawn ir-raġunijiet l-Arbitru jiddeċiedi li m'għandux il-ġurisdizzjoni li jisma' dan l-ilment kif intavolat u ma jistax jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.***
>
> *Dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li membri tal-Independent Bankers Union, bħala klijenti tal-Bank, jistgħu jressqu quddiem l-Arbitru bħal kull klijent ieħor ta' provditur tas-servizzi finanzjarji.*
>
> *Kull parti għandha ġġorr l-ispejjeż tagħha."*

## L-Appell

6. L-ilmentaturi ressqu appell minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell tal-4 ta' Mejju, 2018, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"... tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji tas-16 ta' April 2018 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u prevja kull ordni oħra li dina l-Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xieraq u opportun, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-bank appellat u tilqa' t-talbiet tal-appellanti.*
>
> *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fil-każ biss li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talbiet tal-appellanti, tirriforma d-deċiżjoni appellata billi tordna lill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji sabiex iqis u jiddeċiedi l-ilment tal-unjin appellanti għar-raġuni li l-unjin għandha d-dritt u* locus standi *neċessarju sabiex tressaq ilment quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarju għan-nom tal-membri tagħha li huma wkoll klijenti eliġibbli* ai termini *tal-Kap. 555 bħala mandatarja speċjali tagħhom.*
>
> *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ biss li din l-Onorabbli Qorti tħoss illi huwa strettament neċessarju, tordna lill-appellanti sabiex tagħti l-ismijiet tal-membri tagħha li jixtiequ jiġu rappreżentati minnha fl-ilment odjern, del resto kif kien diġà għamel l-istess Arbitru fil-każ Nru 028/2016 surriferit."*

7. L-appellanti nomine jgħidu li jħossu ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Arbitru minħabba li: (i) l-Arbitru applika l-liġi ħażin meta laqa' l-eċċezzjoni

preliminari tal-bank minflok ma ċaħadha; (ii) l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u naqas milli jikkunsidra illi l-bank appellat għal aktar minn darba rrifjuta li jiltaqa' mal-Independent Bankers Union sabiex isir jaf kull ilmentatur x'inhu jippretendi u jittratta l-ilment qabel dan jitressaq quddiem l-Arbitru; (iii) l-Arbitru kien żbaljat meta kkonkluda li huwa m'għandux kompetenza jisma' l-ilment kif intavolat u ma jistax jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Ir-risposta tal-appell**

8. Fir-risposta tal-appell il-bank appellat wieġeb li d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji hija ġusta, ekwa u legali u timmerita konferma, u qal li l-appell odjern huwa wieħed frivolu u vessatorju għaliex in sinteżi qiegħed jintqal li l-ilmentaturi mhumiex jaqblu mad-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex dan mar kontra l-fehma tal-*union.* Il-bank appellat qal li l-appell kif redatt ma jindirizzax l-eċċezzjoni preliminari dwar l-inkompetenza tal-Arbitru, u jinjora r-regoli dwar min huwa intitolat li jippreżenta ilment quddiem l-Arbitru. L-appellat qal li l-Arbitru kkonsidra l-ilment li ġie ppreżentat quddiemu, u qal li dan l-ilment sar qabel ma kien hemm ilment dirett minn klijent identifikabbli tal-bank mal-istituzzjoni finanzjarja rilevanti, u għalhekk huwa ma ngħatx l-opportunità li jwieġeb għall-ilment. L-appellat kompla jgħid li huwa eċċepixxa n-nullità tal-ilment minħabba li min-naħa tiegħu huwa ma setax iressaq difiża adegwata peress li la jaf min huma l-individwi affettwati, la

jista' jevalwa l-livell ta' esperjenza tagħhom bħala investituri li qegħdin jgħidu li sofrew xi danni, u lanqas ma ġew identifikati l-istrumenti kumplessi akkwistati mill-imsieħba tal-*union*. L-appellat qal li għalhekk l-Arbitru kien ġustifikat meta kkonkluda li l-IBU ma ġabet l-ebda prova li hija klijenta tal-bank appellat, stante li l-IBU qatt ma kienet u mhijiex klijenta tal-bank appellat, u l-bank qatt ma ta jew offra s-servizzi tiegħu lill-IBU. L-appellat żied jgħid li l-Arbitru għamel distinzjoni ċara bejn il-liġi industrijali u l-liġi tal-konsumatur, u wasal għall-konklużjoni li l-infurzar tal-obbligi bejn impjegat u min jimpega ma jistgħux jiġu deċiżi mill-Arbitru għaliex hemm liġi speċjali li tieħu ħsieb l-infurzar ta' dawn l-obbligi. L-appellat qal li sa fejn l-allegazzjoni tal-appellanti nomine hija li l-bank għamel diskriminazzjoni mal-impjegati tiegħu, tali allegazzjoni taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. L-appellat żied jgħid li mhux minnu dak li qalet l-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha li l-liġi tal-konsumatur tapplika għall-ilmenti bejn l-impjegati u min iħaddem. L-appellat jgħid li fil-fatt il-Kap. 452 jiddetermina l-liġijiet industrijali li japplikaw fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk huwa biss it-Tribunal Industrijali li għandu s-setgħa jisma' l-vertenza odjerna. L-appellat żied jgħid li wħud mid-dettalji mogħtija fir-rikors tal-appell ma jirriżultaw minn imkien u ma nġabet l-ebda prova tagħhom, u minkejja li l-appellanti nomine ppruvaw ipinġu lill-bank appellat f'dawl ikraħ, il-bank appellat aġixxa fil-qafas regolatorju stabbilit u skont l-ogħla livelli ta' diliġenza. L-appellat eċċepixxa wkoll li minkejja li l-IBU qiegħda tagħmel enfasi fuq il-kategorizzazzjoni tal-persuni li qiegħda tirrappreżenta bħala *professional clients* min-naħa tal-bank, dan mhuwiex

minnu għaliex il-klijenti kollha tal-bank ġew meqjusa bħala *retail clients.* Il-bank appellat qal li r-regoli tal-MFSA stess jippermettu illi ċerti prodotti kumplessi jistgħu jiġu mibjugħa lil *retail clients.* L-appellat qal ukoll li meta waqt il-proċeduri quddiem l-Arbitru, l-ilmentaturi intalbu jiżvelaw l-identità tal-persuni rappreżentati minnhom, dawn naqsu milli jagħmlu dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Huwa għalhekk, sostna l-bank appellat, li ma jistax jintqal li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda li turi inkongruwenza sostantiva u ġuridika, jew li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok, tikkonsidra l-appell imressaq mill-appellanti nomine flimkien mar-risposta tal-bank appellat, u dan fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Arbitru li huwa m'għandux kompetenza sabiex jiddeċiedi dwar dan l-ilment.

*L-ewwel aggravju:* *l-Arbitru applika l-liġi ħażin meta laqa' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-bank minflok ċaħadhom*

*It-tieni aggravju:* *l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u naqas milli jikkonsidra li l-bank appellat irrifjuta li jiltaqa' mal-IBU sabiex isir jaf id-dettalji u l-pretensjonijiet ta' kull ilmentatur x'inhuma*

*It-tielet aggravju:* *l-Arbitru kien żbaljat meta kkonsidra li hu m'għandux il-kompetenza jisma' dan l-ilment u li ma jistax jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu*

Minħabba fin-natura tal-aggravji mressqa mill-appellanti nomine, u l-fatt li dawn l-aggravji huma intrinsikament marbutin ma' xulxin, il-Qorti sejra tikkonsidrahom flimkien, anki minħabba li d-deċiżjoni meħuda mill-Arbitru li l-huwa m'għandux kompetenza jisma' ilment ta' din ix-xorta, effettivament hija l-unika deċiżjoni meħuda u li minnha jista' jsir appell mill-appellanti nomine. L-appellanti nomine jgħidu li l-Arbitru kien żbaljat meta kkonsidra l-pożizzjoni tagħhom bħala organizzazzjoni li tagħti rappreżentanza xierqa lill-impjegati fi proċeduri kontra diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, u li l-kompetenza tal-*union* għandha tieqaf mal-infurzar tal-obbligi taħt ir-regolamenti kontra diskriminazzjoni fl-impjiegi. L-appellanti nomine għamlu riferiment għal deċiżjoni tal-Arbitru stess tat-23 ta' Frar, 2018 fi proċeduri li kienu jinvolvu erba' mitt investitur kontra l-Bank of Valletta plc, fejn l-Arbitru kien issenjala li t-test tal-kompetenza tiegħu huwa li min iressaq l-ilment irid ikun "klijent eliġibbli", filwaqt li kontra min jitressaq l-ilment irid ikun "provditur tas-servizzi finanzjarji", skont id-definizzjoni tal-Kap. 555. L-appellanti nomine qalu li f'dik id-deċiżjoni l-Arbitru stqarr li l-leġiżlatur ried li huwa jħaddem il-liġi b'mod li jħares l-interessi tal-konsumatur, f'dan il-każ ix-xerrej tal-prodott finanzjarju, ċjoé l-investitur, u għalhekk tah għodda xierqa u idonea sabiex ikun jista' jasal għal deċiżjoni ġusta, ekwa u raġonevoli li tkun tilħaq l-aspettattivi tal-konsumatur. L-appellanti nomine żiedu jgħidu li kemm l-Att dwar l-Affarijiet

tal-Konsumatur (Kap. 378), kif ukoll l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) huma liġijiet speċjali, u l-kompetenza tal-Arbitru m'għandhiex tiġi ristretta għajr għall-mod kif jipprovdi l-Kap. 555. Żiedu jgħidu li fejn tidħol ir-relazzjoni bejn il-ħaddiema li huma wkoll konsumaturi, u min iħaddimhom, ċjoé il-kummerċjant, japplikaw liġijiet u regoli li jagħtu protezzjoni lill-konsumatur u l-qasam tas-servizzi finanzjarji mhux eskluż minn dan il-ħarsien. F'dan ir-rigward, sostniet l-appellanta, bħala *union* hija għandha s-setgħa tirrappreżenta lill-membri tagħha fi kwalunkwe proċedura amministrattiva u ġudizzjarja relatata mal-impjieg tagħhom, inkluż f'dawk il-proċeduri fejn dawn ma jingħatawx trattament ugwali bħal investituri oħra fi kwistjoni li tirrigwarda l-akkwist ta' prodotti finanzjarji. L-appellanti nomine żiedu jgħidu li l-Kap. 555 jipprovdi li l-Arbitru għandu jasal għad-deċiżjoni tiegħu billi jikkonsidra l-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti applikabbli u rilevanti, li jinkludu l-linji gwida maħruġa mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, u f'dan ir-rigward l-Arbitru għandu jieħu konjizzjoni tal-liġi industrijali u tal-ġurisprudenza, fejn f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati ntqal li *trade union* għandha s-setgħa li taġixxi bħala mandatarju speċjali tal-membri tagħha. L-appellanti nomine qalu li f'każ li d-deċiżjoni tal-Arbitru tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, id-diskriminazzjoni li qiegħda tiġi allegata mill-appellanti nomine tkun tista' tiġi indirizzata biss mit-Tribunal Industrijali, u dan minkejja li l-leġiżlatur ħoloq dan il-forum speċjalizzat sabiex jindirizza kwistjonijiet marbuta mal-provvista ta' servizzi finanzjarji. L-appellanti nomine qalu wkoll li fil-każ bir-referenza 28/2016 l-Arbitru kien ikkonkluda li minkejja li

f'materji li jaqgħu taħt il-Kap. 378, huma it-Tribunal għall-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Qrati Ordinarji biss li jistgħu jiddeċiedu, meta l-leġiżlatur ħoloq l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, ried li jitwaqqaf Tribunal li jiddeċiedi każijiet ta' konsumaturi li jkunu xtraw servizzi finanzjarji, u li jkun jopera f'qafas informali u differenti minn dak tal-Qrati ordinarji. L-appellanti nomine qalu wkoll li l-bank appellat ma kellux l-istess diffikultà jiddiskuti ma' *union* oħra tal-ħaddiema tal-banek, l-MUBE, u għalhekk l-argument tal-bank appellat li huwa qiegħed jintalab iwieġeb dwar kwistjonijiet ta' nies li ma jafx min huma ma jreġix. L-appellanti nomine qalu wkoll li huma mxew mar-rekwiżiti imposti mil-liġi, partikolarment bl-artikolu 22 tal-Kap. 555. Intqal li l-liġi tirregola meta l-Arbitru għandu jieqaf milli jieħu konjizzjoni ta' ilment, fost l-oħrajn meta jkun jirriżulta li l-klijent ikun naqas milli jikkomunika s-sustanza tal-ilment lill-provditur tas-servizz finanzjarju involut u ma jkunx tah opportunità raġonevoli sabiex jittratta l-ilment qabel dan jitressaq quddiem l-Arbitru, meta f'dan il-każ kien il-bank appellat li rrifjuta li jiltaqa' mal-ilmentaturi qabel dawn ressqu l-ilment tagħhom quddiem l-Arbitru. L-appellanti nomine qalu wkoll li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija tardiva għaliex skont l-artikolu 22(2) tal-Kap. 555, dan kellu jiddeċiedi jekk ilment jaqax fil-kompetenza tiegħu "malli jitressaq l-ilment", u mhux f'deċiżjoni li ngħatat fis-16 ta' April, 2018. L-appellanti nomine qalu li f'ċirkostanzi simili għal dawk odjerni, l-Arbitru ma rrifjutax li jieħu konjizzjoni ta' ilment, iżda talab li jingħata l-ismijiet tal-mandanti li kienu l-klijenti eliġibbli proprja f'dak il-każ.

Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, fejn l-appellanti nomine qalu li huma min-naħa tagħhom ressqu ilment quddiem l-Arbitru mhux tant minħabba li l-imsieħba tagħhom allegaw li kien hemm diskriminazzjoni kontrihom bħala impjegati tal-bank appellat, iżda sabiex l-Arbitru jistħarreġ jekk kienx hemm ksur tad-direttivi u r-regolamenti Ewropej li jirregolaw is-servizzi finanzjarji. Ġie spjegat li minkejja li l-kwistjoni odjerna tirrigwarda numru ta’ ħaddiema li jemmnu li saret diskriminazzjoni magħhom bħala impjegati tal-bank appellat, il-kwistjoni fiha nnifisha mhix marbuta mal-impjieg ta’ dawn il-persuni, iżda hija kwistjoni ta’ stħarriġ dwar il-bejgħ ta’ strument finanzjarju kumpless lil numru ta’ persuni li peress li kienu impjegati mal-bank appellat, ma ngħatawx l-istess trattament u rimedji li ngħataw investituri oħra, u flok ma tqiesu bħala *retail investors* ġew meqjusa bħala *professional investors*. L-appellanta ssostni li bħala *union* hija għandha *locus standi* tirrappreżenta lill-imsieħba tagħha anki f’ċirkostanzi fejn dawn m’għandhom l-ebda impediment sabiex jidhru quddiem Qorti jew Tribunal u jirrappreżentaw l-interessi tagħhom infishom, u hija tgawdi pożizzjoni privileġġata meta mqabbla ma’ entitajiet oħra. Spjegat li fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-imsieħba tagħha ma jixtiqux jiżvelaw l-identità tagħhom minħabba li huma impjegati tal-bank appellat, għalkemm ikkonċediet li jekk l-iżvelar tal-identità ta’ dawn l-individwi hija prerekwiżit għall-bank appellat sabiex dan jikkonsidra l-każ tagħhom, hija disposta li tipprovdi dawn l-ismijiet. Il-bank appellat min-naħa tiegħu sostna li meta huwa insista li jingħata l-ismijiet tal-persuni li qegħdin iressqu l-ilment permezz tal-*union* appellanta, dawn l-ismijiet baqgħu ma

ngħatawlux. Il-bank appellat saħaq li sa fejn l-ilment tal-appellanti nomine huwa dwar diskriminazzjoni li l-imsieħba tagħha qegħdin jallegaw li sofrew għax apparti li huma investituri, huma wkoll impjegati tal-bank appellat, il-kwistjoni hija waħda purament lavorattiva u għalhekk għandha tiġi ttrattata quddiem it-Tribunal Industrijali.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-Independent Bankers Union aġixxiet f'isimha, daqslikieku kienet hi l-entità li investiet fl-istrumenti finanzjarji offruti mill-bank appellat. Kien biss meta nbdew il-proċeduri li ġie ċċarat li l-ilmentaturi kienu qegħdin jaġixxu għan-nom tal-imsieħba tagħhom, għalkemm mill-okkju dan ma jirriżultax u lanqas ma jirriżulta li l-Independent Bankers Union qiegħda tidher għan-nom u in rappreżentanza ta' dawn l-individwi. Kien biss wara li nbdew il-proċeduri quddiem l-Arbitru, li ġie speċifikat li l-ilmentaturi ma kinux qegħdin iressqu l-każ minħabba li huma milqutin minn xi azzjoni li ħa l-bank appellat u lanqas minħabba li l-*union* li tagħha huma għandhom ir-rappreżentanza legali ġiet affettwata, iżda li huma kienu qegħdin jipproċedu f'isem u għan-nom tal-imsieħba tagħhom. Huwa ċar li filwaqt li l-Independent Bankers Union, bħala *union* għandha s-setgħa li tirrappreżenta lill-imsieħba tagħha f'kull kwistjoni li għandha x'taqsam max-xogħol tagħhom, f'dan il-każ din qiegħda tirrappreżenta lill-imsieħba tagħha bħala investituri klijenti tal-bank appellat, wara li dawn l-istess imsieħba allegaw diskriminazzjoni li ma ngħatawx l-istess trattament bħal persuni li mhumiex impjegati tal-bank. L-Independent Bankers Union mhijiex investitur, mhijiex l-entità li ngħatat is-

servizzi finanzjarji li dwarhom sar l-ilment quddiem l-Arbitru, u mhijiex lanqas mikrointrapriża. L-Independent Bankers Union u l-ilmentaturi ma jistgħux jitqiesu li huma "klijenti eliġibbli" skont kif imfisser fil-Kap. 555, li jgħid li sabiex individwu jista' jitqies li huwa klijent eliġibbli dan irid ikun konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji, jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, jew li talab il-provvediment ta' xi servizz finanzjarju minn provditur tas-servizzi finanzjarji. L-artikolu 19(1) tal-Kap. 555 imbagħad ikompli jispeċifika li:

> "Għandha tkun il-funzjoni primarja tal-Arbitru li jittratta ilmenti mressqa minn klijenti eliġibbli permezz tal-mezzi ta' medjazzjoni skont l-artikolu 24, u fejn ikun meħtieġ, b'investigazzjoni u li jara li tingħata deċiżjoni fuq l-ilment imressaq."

Il-fatt li l-proċeduri odjerni ma nbdewx minn persuni jew minn entità li jistgħu jitqiesu bħala "klijent eliġibbli", kien ta' ostakolu għall-Arbitru, li kif ġie biex jibda jinvestiga l-ilment imressaq quddiemu, sab li ma setax jidentifika min kienu l-konsumaturi aħħarin tas-servizz finanzjarju li qiegħed isir l-ilment dwaru. Din il-Qorti tqis li sa fejn l-Arbitru kkonkluda li huwa m'għandux kompetenza li jisma' dan l-ilment, sa fejn dan qiegħed jitressaq mill-*union* għan-nom tal-imsieħba tagħha, l-Arbitru kien qiegħed jagħmel interpretazzjoni korretta tal-limiti tal-kompetenza tiegħu imposti fuqu bis-saħħa tal-liġi speċjali li tirregolah, il-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta. Ladarba l-investituri individwali li qegħdin jilmentaw mill-aġir tal-bank appellat qegħdin jinsistu li jiġu rappreżentati mill-*union* li huma imsieħba magħha, l-ilment tagħhom ma jistax jiġi kkonsidrat mill-Arbitru, li l-kompetenza tiegħu hija limitata għall-istħarriġ

ta' ilmenti mressqa minn min jista' jitqies li huwa 'klijent eliġibbli'. Lanqas ma jista' dan l-ostakolu jiġi sorvolat billi l-appellanti nomine jgħaddu l-ismijiet tal-persuni li huma qegħdin jirrappreżentaw, għaliex b'daqshekk xorta waħda ma jistax jitqies li l-*union* hija 'klijent eliġibbli'. Ladarba l-appellanti nomine ma jistgħux jitqiesu li huma 'klijenti eliġibbli', l-ilment tagħhom ma setax ikompli jiġi kkonsidrat mill-Arbitru, u huwa għalhekk li l-appell tagħhom qiegħed jiġi miċħud.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-appell tal-appellanti nomine u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-proċeduri quddiem l-Arbitru jibqgħu kif deċiżi, u l-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-appellanti nomine.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**